**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 182/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Terry Joe Micallef**
**(ID 131486(M))**

**Illum: 28 ta' Settembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Terry Joe Micallef**, iben Joseph u Gaetana nee\` Schembri, imwieled Pieta\` nhar il-15 ta' Marzu 1986, residenti 28, Reve, Triq is-6 ta' Diċembru, Siġġiewi, detentur tal-karta tal-identita\` bin-numru 131486(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2012:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita\` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma

kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

U aktar talli matul dawn l-aħħar tlitt snin qabel it-18 ta' Marzu 2012:

c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġie ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2014;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[1]

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali u *del resto* lanqas ma huwa kkontestat illi nhar it-18 ta' Marzu 2012, il-pulizija kienu qed jagħmlu diversi spezzjonijiet waqt *party* ġewwa l-MFCC meta għall-ħabta tas-2.15 jew is-2.20 a.m. daħlu ġewwa t-*toilets* tal-irġiel u hemmhekk innutaw illi fi *cubicle* minnhom kien hemm żewġ persuni. **PS 746 Jeffrey Attard Mc Carthy** jixhed illi għalhekk huwa daħal f'*toilet cubicle* ieħor li kien vojt, ittawwal minn fuq u nnota illi wieħed minn dawn iż-żewġ persuni ossia l-imputat odjern, kellu f'idejh borża jew qartas bi trab abjad viċin il-*flushing*, filwaqt illi l-ieħor, ċertu Antoine Ellul, kellu f'idejh karta tal-għaxar ewro rrumblata bħal "*qisu lest biex jigbed*".[2] Hekk kif il-kollegi tiegħu fetħu l-bieb, huwa nnota illi l-imputat kellu *sachet* kontenenti trab abjad. Iż-żewġ persuni ġew arrestati u saret tfittxija fuq il-persuna tagħhom, iżda ma nstab xejn iżjed. Dwar dan xehed ukoll **PC 450 Christopher Bartolo** li kien preżenti waqt din is-sejba, u li wkoll jgħid illi f'id l-imputat odjern kien instab pakkett trasparenti li kellu fih xi trab abjad, filwaqt illi f'id Antoine Ellul kien hemm karta tal-għaxar ewro imrembla. **L-ex Spettur Pierre Grech** jixhed illi huwa kien kellem lil Antoine Ellul u kien ottjena stqarrija mingħand l-imputat odjern, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti bħala Dok. PG.[3]

Fil-proċeduri odjerni jixhed ukoll **l-Ispettur Gabriel Micallef** li esebixxa pakkett "*li jikkontjeni sachet u bicca stikka li kienet giet elevata nhar it-18 ta' Marzu 2012 minn PC 18, PC 450 u PS 746 fuq il-persuna ta' Terry Joe Micallef u Antoine Ellul*" bħala Dok. GM.[4] Mistoqsi dwar l-esebit, PC 450 Christopher Bartolo jikkonferma li dan huwa dak li ngabar in konnessjoni ma' dan il-każ fil-lejl in kwistjoni u għaraf it-*tag* mal-esebit li kienet saret fuq il-post, iżda mistoqsi

---

[1] A fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 31 tal-proċess.
[3] Ara din l-istqarrija a fol. 15 u 16 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' **l-ex Spettur Pierre Grech** li jixhed fuq dak li rrapportaw lilu l-pulizija preżenti għat-tfittxija u s-sejba (a fol. 11 sa 14 tal-proċess); ix-xhieda ta' **PC 450 Christopher Bartolo**, a fol. 20 sa 22 tal-proċess; u x-xhieda ta' **PS 746 Jeffrey Attard Mc Carthy**, a fol. 30 sa 32 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 18 tal-proċess.

dwar 'l-i*stick*' fl-esebit, huwa jgħid illi jaħseb li kienet mal-pakkett, iżda mhux hu għamilha u ma kien jiftakar xejn dwarha.

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza Dok. GM[5], jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analizi tiegħu, immarkat S/B/190/2016, li kien fih borża li kienet tikkontjeni s-segwenti:

(i) karta bil-kliem: Data: <u>18-3-12</u> Ħin: <u>2.20am</u> Elevat/i minn <u>Floor Toilet Terry Joe Micallef/Ellul Antoine</u> fil-preżenza ta' <u>PC18-450</u> minn <u>PS746</u> u

(ii) *band aid.*

L-istess espert ikkonkluda hekk dwar dan id-dokument:

(a) Illi fuq estratt meħud mill-*band aid* ma nstabitx droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-mori tal-proċeduri, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan stante illi din ġiet rilaxxjata minnu fi żmien meta l-istess imputat ma kellux id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu. Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018, wara li saret din it-talba, il-Prosekuzzjoni oġġezzjonat għal dan stante illi l-istess imputat ingħata d-dritt illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, iżda sussegwentement, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2019, dwar dan il-punt, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.[6]

Mill-atti jirriżulta illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-18 ta' Marzu 2012, u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx[7], iżda mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Dan għaliex fiż-żmien mertu tal-każ, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016 permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **<u>Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **<u>Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll

---

[5] Ara a fol. 26 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 47 u 48 tal-proċess.
[7] Ara d-dikjarazzjoni esebita a fol. 17 tal-proċess u x-xhieda ta' **PS 1174 Adrian Sciberras**, a fol. 23 u 24 tal-proċess.

**Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022), il-Qorti qed tqis din l-istqarrija bħala prova inammissibbli. Fir-rigward il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni illi m'hemmx dubju illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u tenut kont tal-bqija tal-provi fl-atti proċesswali, jew aħjar, tan-nuqqas tagħhom, din l-istqarrija tikkostitwixxi l-unika prova in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq indikata, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-ex Spettur Pierre Grech in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Kif ingħad, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' traffikar (l-imputazzjoni (a)) u pussess aggravat tad-droga kokaina (l-imputazzjoni (b)) u dan b'referenza għal-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2012, kif ukoll bir-reat ta' pussess tal-istess droga (l-imputazzjoni (ċ)), b'referenza għat-tliet snin ta' qabel it-18 ta' Marzu 2012.

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-18 ta' Marzu 2012, għall-ħabta tas-2.15 a.m., l-imputat instab fil-pussess ta' pakkett kontenenti trab abjad. Jirriżulta wkoll madankollu, illi minkejja li l-esebit li ġie ppreżentat mill-Ispettur Gabriel Micallef bħala dak li nstab fil-pussess tal-imputat, kien skont l-istess Spettur, jikkontjeni *sachet*, liema *sachet* allura kien formanti parti mill-esebit Dok. GM li kellu jiġi analizzat mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, id-dokument analizzat mill-istess espert kien jikkontjeni biss *band aid* li fuqha ma nstabitx droga. Għaldaqstant, la darba għar-raġunijiet fuq indikati, ġiet skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u minkejja ċ-ċirkostanzi evidentement suspettużi li huwa nstab fihom, fl-atti ma tirriżultax il-prova fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-istess imputat kien fil-fatt fil-pussess tad-droga kokaina.

Konsegwentement, la tista' tirriżulta sodisfaċentement ippruvata l-imputazzjoni (a) u lanqas l-imputazzjoni (b).

In oltre la darba, kif ingħad, ġiet skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, huwa lanqas ma jista' jinstab ħati tal-imputazzjoni (ċ).

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Terry Joe Micallef** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Konsegwentement m'hijiex tordna lill-istess imputat iħallas l-ispejjeż konnessi mall-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti formanti parti minn Dok. GM hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat